

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-20 ta' Ottubru 2022 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Varhoven administrativen sad – il-Bulgarija) – Komisia za zashtita na lichnite danni, Tsentralna izbiratelna komisja vs Koalitsia “Demokratichna Bulgaria – Obedinenie”**

(Kawża C-306/21) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Kamp ta’ applikazzjoni – Artikolu 2(2)(a) – Kunċett ta’ “attività li ma taqax taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni” – Elezzjonijiet nazzjonali u Ewropej – Artikolu 6(1)(e) – Legalità tal-ipproċessar – Artikolu 58 – Att adottat mill-awtoritajiet superviżorji li jillimita, jew jekk ikun il-każ, li jipprobixxi r-reġistrazzjoni vidjo tal-ġhadd tal-voti fil-bini elettorali)**

(2022/C 472/17)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

### **Qorti tar-rinviju**

Varhoven administrativen sad

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Komisia za zashtita na lichnite danni, Tsentralna izbiratelna komisja

Konvenut: Koalitsia “Demokratichna Bulgaria – Obedinenie”

### **Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data),

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma huwiex eskluż mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-regolament l-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest tal-organizzazzjoni ta’ elezzjonijiet fi Stat Membru.

- 2) L-Artikolu 6(1)(e) u l-Artikolu 58 tar-Regolament 2016/679,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

dawn id-dispożizzjoni jiet ma jipprekludux lill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru milli jadottaw att amministrattiv ta’ applikazzjoni ġenerali li jipprevedi l-limitazzjoni jew, jekk ikun il-każ, il-probizzjoni tar-reġistrazzjoni vidjo tal-ġhadd tal-voti fil-kamar tal-votazzjoni fl-elezzjonijiet f’dan l-Istat Membru.

<sup>(1)</sup> ĠU C 329, 16.8.2021.